***IEQAF u AĦSEB***

# Il-Qawwa tar-Rużarju

Nixtieq ngħarrfkom sigriet li jista' jkun il-bidu tat-triq li Alla jridkom timxu fiha.

Ħbieb, jekk tridu tkunu kbar, tgħallmu ċċekknu.

Biex tkun żgħir jenħtieġ li temmen kif jemmnu t-tfal, li tħobb kif iħobbu t-tfal, li tagħti ħajtek kif jagħmlu t-tfal … li titlob kif jitolbu huma.

U dan kollu hu bżonnjuż sabiex nilħqu dak li ser ngħidilkom f'dawn il-vrus li ġejjin:

*Il-bidu tat-triq,* li fi tmiemha ser issib ruħek kompletament imsaħħar minn Imħabbtek lejn Ġesu', hi imħabba kunfidenzjali għal Marija Ommu.

Tixtieq li tħobb lill-Madonna? Sir afha. Kif? Billi titlob ir-Rużarju *sewwa.*

Imma fir-Rużarju … aħna dejjem nirrepetu l-istess affarijiet!

Dejjem l-istess? U min jinnamra mhux dejjem l-istess affarijiet jgħid lil xulxin? …

Jista' jkun li fir-Rużarju li tgħid hemm ċertu monotonija għax minflok tlissen kliem bħal bnedmin, tispiċċa biex tipproduċi ħsejjes biss, donnhom ta' l-annimali, waqt li moħħok ikun ħafna 'l bogħod minn Alla?

Isma', barraminhekk, qabel kull posta aħna nisimgħu l-misteru li jrid jiġi *kkontemplat*.

**Qatt *ikkontemplajt* dawn il-misteri?**

*Iċċekken*. Ejja miegħi … u flimkien ngħixu il-ħajja ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi. Kuljum aħna ser nipprovdulhom servizz ġdid. Ser nisimgħu il-konversazzjonjiet tal-familja tagħhom. Naraw lill-Messija jikber. Nistagħġbu bit-tletin sena ta' ħajja moħbija … ser inkunu preżenti għall-Passjoni u l-Mewt tiegħu … ser nimmeraviljaw ruħna bil-Glorja tal-Qawmien tiegħu … F'kelma waħda: ser nikkontemplaw, misjuqa mill-Imħabba, kull waqt u mument ta' Ġesu' Kristu.

Irridu, iżda, noqgħodu attenti li t-talba tagħna ma ssirx mekkanika u kliem biss. Il-Papa Pawlu VI qal: *"Mingħajr kontemplazzjoni, ir-Rużarju jkun ġisem bla ruħ."*

*Mill-Kitba ta' San Jose Maria Escriva*
Ruma, fil-Festa tal-Kandlora,
2 ta' Frar, 1952

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Żabbar. Tel: 21 822 270*

## Avviż:

***Il-Jiem tad-Duttrina fil-Parroċċa tagħna ser ikunu hekk:***

**Subien:**
*Mill-Yr 1 sal-Yr 5:*
It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-5:30pm u s-6:25pm
*Mill-Yr 6 'il fuq:* Kuljum (inkluż s-Sibt u Ħadd) barra l-Erbgħa bejn is-7:00pm u t-8:00pm.
**Bniet:**
*Yr 1, Yr 3, Yr 5 u Fm1*:
It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-5:00pm u s-5:45pm
*Yr 2, Yr 6, u Fm2*:
It-Tnejn u l-Ħamis bejn il-6:00pm u s-6:45pm
*Yr 4 u minn Fm3 'il fuq*:
It-Tlieta u l-Ġimgħa bejn il-5:45pm u s-6:30pm.



**Twieldu mill-ġdid bil-Magħmudija**
Eliza Busuttil



***Daħlu fil-Ħajja ta' dejjem***
Mary Cutajar
Salvina Zammit



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL-SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## " … ĦU ĦSIEBHOM, AGĦTI RUĦEK GĦALIHOM …"

Waqt li bi ħsibijieti kont qed ngħarrex u nara x'kelma l-Mulej ser jogħġbu jdewwaqni u li tkun kapaċi tfakkarni, tħeġġiġni u ssostnini tul din is-sejħa u ħidma tiegħi bħala kappillan ġewwa Ħal Safi, ġew quddiemi dawn il-kelmiet: *" … ħu ħsiebhom, agħti ruħek għalihom …"*. (1 Tim 4,15). Nistqarr li għall-bidu bilkemm kont indunajt bihom, imma bħal donnu x'ħin waqaft ftit u fit-talb intlaqt f'idejn il-Mulej biex jiggwidani u jekk irid inebbaħ, bdew jidwu aktar f'qalbi u f'ruħi, waqt li bdejt nistaqsi: *Imma għal xiex qed jirreferi eżatt?*

**Għalikom, ħuti nsara fdati lili mill-Knisja f'isem il-Mulej**

Meta ħarist lejn il-frażi, hi kif inhi, bdejt nirraġuna li din żgur qed tirreferi għal dawk il-persuni ġewwa Ħal Safi li jemmnu fil-Mulej Ġesù u li f'dan it-territorju jiffurmaw il-parroċċa. Ngħiduha kif inhi, tagħmel ħafna sens li waqt li jien hawn insir ta' ġewwa magħkom, ikun għalikom ragħaj skont il-Mulej, u f'ismu nkun qaddej tagħkom. Li nsir ta' ġewwa ifisser li nsir nafkom, nagħmilha magħkom, nirbaħ il-fiduċja tagħkom, ngħinnkom, nagħdirkom fl-iżbalji, ninkuraġġikom fit-tajjeb, nibki magħkom, nifraħ magħkom. Li għalikom inkun ragħaj skont ix-xewqa, anzi skont ir-rieda t'Alla, ifisser li waqt li nagħti każ tas-sentimenti u ċ-ċirkustanzi kollha tagħkom, ngħinnkom tirriflettu aktar fuq il-ħsieb ta' Alla għal ħajjitkom, ngħinnkom biex Alla jsir esperjenza ħajja għalikom billi temmnuH u tafdawH dejjem aktar, jiġri x'jiġri. U hekk f'ismu nitgħallem dejjem aktar inkun qaddej tagħkom, fil-ħtiġijiet spiritwali b'mod speċjali, u kull fejn hemm bżonn li d-dinjità tal-bniedem tkun murija fil-ġmiel proprju tagħha: dejjem aktar bħala xbieha ta'Alla.

**Għall-Veritajiet tat-Tjieba, tal-Imħabba, tal-Fidi u tas-Safa**

Imma wara ċertu ħin bdejt nirrealizza li *" … ħu ħsiebhom, agħti ruħek għalihom …"* aktar milli tirreferi għall-persuni, qed tirreferi b'mod speċjali għal diversi veritajiet relatati mal-fidi nisranija. Infatti rrealizzajt li San Pawl beda jikteb liż-żagħżugħ Timotju biex waqt li ma jinsiex il-grazzja li għandu fih bit-tqegħid tal-idejn, jitħarreġ fit-tjieba ħalli jkun ta' eżempju fil-kliem, fl-imġieba, fl-imħabba, fil-fidi, u fis-safa, għal dawk kollha li jemmnu. B'qawwa San Pawl iħeġġeġ lil Timotju biex waqt li jgħasses fuqu nnifsu u fuq dan it-tagħlim, iżomm sħiħ f'dawn il-ħwejjeġ, jieħu ħsiebhom u jagħti ruħu għalihom. U dan għandu jagħmlu bl-awtorità li l-Knisja stess qed tagħtih: *"Dan ordna u dan għallem."*

Waqt li jiena ninsab magħkom, niċċelebra t-tjieba u l-imħabba tal-Mulej fil-knisja u fid-diversi realtaijiet tal-ħajja tagħkom, l-aktar permezz tat-tagħlim, tas-sagramenti u tal-karità, il-Mulej qed isejjaħli biex l-ewwel u

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

qabel kollox inkompli nimxi 'l quddiem fil-ħajja tiegħi miegħU, u dan bil-grazzja tiegħU u bid-disponibbiltà tiegħi nikber fit-tjieba ħalli nkun ta' eżempju u għajnuna siewa għalikom u għall-fidi tagħkom. Hekk biss nistgħu nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna *"fil-Knisja ta' Alla l-ħaj, kolonna u pedament tal-verità."* Hekk biss, jien flimkien magħkom, nistgħu ngħixu ta' parroċċa li ma titkaxkarx mal-kurrent tal-moda tal-ħsibijiet u l-kulturi - li nqabblu fejn jaqblilna u kif jidhrilna - imma li fi Kristu ngħixu u nagħmlu d-differenza, li Fih u Bih nagħtu togħma u nkunu dawl tassew utli għas-soċjetà tagħna.

Waqt li nitolbu għal xulxin, nittama li nsibu l-għajnuna u l-faraġ f'Isem il-Mulej li jwassalni għandkom.

***Dun David Farrugia***
*Kappillan*

---

***IEQAF u AĦSEB***

## L-Importanza tat-Tagħlim

Ninsabu fil-bidu ta' sena kateketika ġdida. Sena li ġġib magħha diversi sfidi fil-ħajja tan-nisrani. Ottubru jġib miegħu ċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof u aħna l-katekisti nemmnu fl-importanza tat-tagħlim kemm bi preparazzjoni għal dan is-sagrament kif ukoll għall-ħajja nisranija li tiġi wara. It-tagħlim ma jispiċċax mal-Griżma għax naħsbu li wliedna jkunu kibru biżżejjed. Wara l-Griżma tibda l-ħajja ta' sfida għan-nisrani u allura jeħtieġ iktar formazzjoni kemm fil-karattru kif ukoll fil-ħajja spiritwali tal-individwu. Dak li titgħallem miċ-ċentri tad-duttrina f'dawn is-snin jibqa' miegħek għal dejjem.

Qaddis li kien jemmen ħafna fl-importanza tat-tagħlim u li Dun Ġorġ Preca kien iqisu bħala l-veru fundatur tal-Museum kien San Pawl Missierna. Fl-ittri tiegħu lill-knejjes differenti kien jinsisti ħafna fuq il-formazzjoni tal-insara – kemm il-formazzjoni ta' min kien imexxi kif ukoll il-formazzjoni tal-insara komuni. Dak li qal San Pawl elfejn sena ilu għadu jgħodd għalina llum.

Ninsabu fi żmien li ħafna jinsistu fuq *life long learning* – tagħlim matul il-ħajja. Dan jgħodd mhux biss għal tagħlim akkademiku, imma wkoll għal tagħlim li għandu x'jaqsam ma' affarijiet reliġjużi. Hi mentalità ħażina li t-tagħlim hu marbut biss mal-iskola jew hu biss preparazzjoni għas-sagramenti. It-tagħlim hu importanti għall-ħajja. Minn hawn nixtiequ nħeġġu lill-ġenituri fuq l-importanza tat-tagħlim – ir-regolarità. Nafu li t-tfal illum huma impenjati ħafna bi sports u attivitajiet extra-kurrikurali. Però m'għandniex innaqsu l-importanza tal-katekiżmu. Il-Museum hu ħafna iktar minn katekiżmu. Il-Museum qed joffri post fejn uliedkom jistgħu jiltaqgħu ma' ħbieb tamparhom f'ambjent san u b'superviżjoni u sorveljanza mill-katekisti. L-adoloxxenti jitgħallmu u jieħdu gost bil-kumpanija ta' ħbieb daqshom mingħajr ħafna ġiri żejjed.

Inħeġġu lit-tfal biex kemm jista' jkun jattendu għat-tagħlim li hu l-għajn ta' kull ġid u lill-ġenituri li ma jaqtgħu qalbhom qatt iħeġġu lil uliedhom biex ma jitilfux għal xejn il-lezzjonijiet.

Il-Paċi Magħkom.

***Anthony Dimech***
***Is-Superjur***



# Id-Djarju tal-Parroċċa – Ottubru 2014

**It-Tnejn 29 ta' Settembru**
***Bidu tas-Sena tal-Katekiżmu***
Fis-6:30pm - Quddiesa għat-tfal kollha, flimkien mal-ġenituri, li jattendu d-Duttrina fil-MUSEUM (Subien u Bniet). Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu.

**L-Erbgħa 1 ta' Ottubru**
***Jum l-Anzjani***

**Il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru**
***L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar***
Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom
Fis-6:30pm - Quddiesa
Fis-7:00pm - Adorazzjoni

**Is-Sibt 4 ta' Ottubru**
***Jum l-Ambjent*** - *Festa ta' San Franġisk ta' Assisi*

**Il-Ħadd 5 ta' Ottubru**
***Ċelebrazzjoni tal-Bidu tal-Ħidma tal-Kappillan il-Ġdid***
Fis-6:00pm - Quddiesa ċċelebrata minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., li fiha nitolbu l-barka ta' Alla fil-bidu tar-responsabbiltajiet u l-ħidmiet ta' Dun David Farrugia bħala l-Kappillan l-ġdid tal-parroċċa tagħna.

**L-Erbgħa 8 ta' Ottubru**
***Jum Dinji tas-Saħħa***

**Il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru**
***Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja: 230 sena*** *(nhar l-10 ta' Ottubru 1784 mill-Isqof Vincenzo Labini)*

**Il-Ħadd 12 ta' Ottubru**
***Jum it-Tifkira tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja***
Fit-8:15am - Quddiesa li fiha jiġu nċensati s-slaleb tal-konsagrazzjoni.
***u Festa tal-Madonna tar-Rużarju***
Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka fuq il-Madonna
Fis-6:15pm - Purċissjoni li matulha jingħad ir-Rużarju u tagħlaq b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Imexxi l-Kappillan, Dun David Farrugia.

**Il-Ħamis 16 ta' Ottubru**
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kappillan mal-Ġenituri tat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fil-Museum tas-Subien.

**Is-Sibt 18 ta' Ottubru**
Mill-4:00pm sas-7:00pm - Seminar għall-ġenituri flimkien mat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, fl-Iskola St Michael, Ħal Qormi.

**Il-Ħadd 19 ta' Ottubru**
***Jum il-Missjoni***

**It-Tnejn 20 ta' Ottubru**
Fis-7:15pm - Laqgħa tat-Tfal tal-Griżma tal-Isqof mal-Kappillan fil-Museum tas-Subien.

**Mit-Tnejn 20 ta' Ottubru**
**sal-Ġimgħa 24 ta' Ottubru**
***Ġimgħa speċjali ta' Preparazzjoni għall-Griżma tal-Isqof***

**Il-Ħadd 26 ta' Ottubru**
***Jum il-Bibbja u l-Griżma tal-Isqof***
Fl-4:00pm - Quddiesa bis-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof
Ma jkollniex il-Quddiesa tas-6:00pm

**Il-Ħamis 30 ta' Ottubru**
Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.